# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru 46**

**Citaz. numru 254/92 DS**

Ramesh Chetanram Sharma f'ismu proprju u ghan-nom tad-Ditta "Internatinal Exporters", kif ukoll bhala Agent f'Malta tad-Ditta "Shanghai Textiles Imp. & Exp. Corp."
vs
John Ogden ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Seal International Ltd.", u b'nota tal-14 ta' April 1992 Dennis Satariano assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Seal International Limited, u b'nota tad-19 ta' Mejju 1994 Dottor Gerald Montanro Gauci LL.D. assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta Seal International Ltd. minflok Dennis Satariano

Illum, 18 ta' Mejju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Frar 1992 li permezz taghha l-attur proprio et nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta konvenuta ordnat 160 Bales ta' tessuti mic-Cina li waslu Malta;

Illi l-istess socjeta' ma rtiratx din il-merkanzija peress li ma kellhiex il-fondi necessarji biex thallas u ma setghetx tipprovdi garanzija ghal pagament;

Illi taht ic-cirkostanzi l-partijiet ftehmu kif jidher mill-ittra tas-16 ta' Jannar 1991 illi din il-merkanzija terga tigi mibghuta lura c-Cina u is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas l-ispejjes tat-trasport kif ukoll kull dannu li sofra l-istanti;

Illi biex din il-merkanzija ittiehdet permezz tal-vapur "Arabian Sea" l-attur hallas is-somma ta' Lm1927.94 ghal freight u spejjes ohra ta' trasport; is-somma ta' 3600 U.S. dollars lis-socjeta "China National Textiles Import & Import Corporation" u is-somma ta' 840 U.S. dollars ghal perjodu ta' ghoxrin gurnata tul liema zmien il-container bil-merkanzija baqa' fil-warehouse ic-Cina billi il-vapur wasal fl-10 ta' Ottubru 1991 meta l-invoice mahruga mill-konvenut nomine kienet inharget bid-data tal-21 ta' Ottubru 1991.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-konvenut nomine kien ftiehem u obbliga ruhu li jhallas lill-attur l-ammonti fuq imsemmija.

2. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas is-somma ta' elf disa mija seba u ghoxrin lira u erba u ghoxrin centezmu (Lm1927.24) ghal freight u charges ohra ta' trasport tal-merkanzija minn Malta ghac-Cina;

3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas is-somma ta' tliet elef u sitt mitt dollaru Amerikani (U.S. dollars 3600) fl-ekwivalenti flus Maltin ghal danni imhallsa mill-istanti lis-socjeta Ciniza fl-interess tal-konvenut.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u erbghin dollaru Amerikani (U.S. dollars 840) fl-ekwivalenti flus Maltin ghal charges imhallsa mill-istanti ghal-perjodu ta' 21

gurnata billi l-vapur wasal fl-10 ta’ Ottubru 1991 u l-invoice tal-konvenut nomine gie mahrug bid-data tal-21 ta’ Ottubru 1991.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Dicembru 1991 u bl-imghax legali.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi mhux minnu li qatt sar xi ftehim bejn l-attur pro et noe u s-socjeta’ Seal International Ltd.

2. Illi mhux minnu li s-socjeta’ Seal International Ltd. hija debitrici ta’ l-attur pro et noe.

Ghaldaqstant it-talbiet kollha ta’ l-attur pro et noe ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur pro et noe.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-13 ta’ Jannar 1993 li permezz tieghu gie nominat l-assistant gudizzjarju l-Avukat Dottor Paul Caruana Curran sabiex jiehu x-xiehda u jircievi d-dokumenti;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti l-ohra relattivi;

Ikkunsidrat illi:-

F’din il-kawza l-attur proprio et nomine qieghed jitlob ghar-rizarciment ta’ l-ispejjez sofferti minnu wara li merkanzija ordnata mill-konvenut nomine giet ritornata lill-principal tieghu. Huwa pprezenta diversi dokumenti biex jissostanzja l-pretensjonijiet tieghu u m’hemmx dubju li huwa hallas l-ammonti pretizi minnu (ara f’dar-rigward Dok. I u Dok. RC9). U mid-Dok. C (ittra tas-7 ta’ Dicembru 1990 a fol. 7 sa 9) jirrizulta li s-socjeta` PVC International Ltd. qalet hekk: “With respect to warehousing and freight charges, we feel that there is already an underlying acceptance that our Company will be responsible for these charges.” Din il-pozizzjoni giet ikkonfermata b’ittra ohra datata 16 ta’ Jannar 1991 (Dok. D a fol. 10).

Il-konvenut nomine eccepixxa illi ma kien hemm l-ebda ftehim bejn l-attur proprio et nomine u s-socjeta` Seal International Ltd. u li din is-socjeta` ma kenitx debitrici kif qed jippretendi l-attur. Fl-affidavit tieghu, Dr. Gerald Montanaro Gauci spjega kif l-attivitajiet ta' PVC International Ltd. u Seal International Ltd. kienu differenti u li l-unika konnessjoni bejniethom kienet illi Seal kienet xtrat xi makkinarju minghand PVC u l-istaff kienu gew impjegati minn Seal, izda "f'ebda mument ma assumiet l-obbligazzjonijiet ta' PVC International Ltd., la espressament l-anqas tacitament". Huwa pprezenta l-Memorandum and Articles of Association taz-zewg socjetajiet (Dok. S1 u Dok. S2). Mill-"objects clause" taz-zewg kumpaniji jidher li dawn huma differenti fis-sens li tal-PVC huwa "to manufacture, market and generally deal in PVC baby pants, cot sheets, toilet bags and other plastic goods, either wholesale or retail" filwaqt li tas-Seal huwa "to manufacture, market and generally deal in leisurewear, sportswear and any other garments, either wholesale or retail". Ghalhekk in-notament f'qiegh id-Dok. RC11 u d-Dok. RC8 (ta' l-ahhar fotokopja tad-Dok. RC11) huwa kontradittorju fid-dawl tar-rizultanzi mill-imsemmijin Memoranda. Iqajjem dubju wkoll il-fatt li mac-citazzjoni l-attur proprio et nomine esebixxa kopja tad-Dok. RC11, u cioe` d-Dok. H a fol. 14, li ma jgibx l-istess notament dwar bdil ta' isem il-kumpanija. Dwar dan Dennis Satariano xehed li huwa seta' jikkonferma l-firma tieghu fuq Dok. H izda ma setax jikkonferma l-firma fuq Dok. RC11 u Dok. RC8 u li huwa normalment dejjem jiffirma fl-ahhar anke wara xi notament, haga li ma tidhirx f'dawn id-dokumenti. L-attur da parti tieghu spjega illi dawn id-dokumenti kien tahomlu certu Charles Calleja li kien shipping clerk mal-kumpanija PVC.

Charles Sciberras, li kien financial director tas-socjeta` PVC International Ltd., xehed illi z-zewg kumpaniji kienu distinti sew bhala xoghol, bhala banek, fiskalment u d-diretturi kienu differenti (hlief ghal John Ogden). Dwar Dok. RC8 huwa xehed kategorikament illi "n-nota li hemm isfel fl-ittra li kien hemm change tan-name hija definittivament zbaljata. Din tirrigwarda d-dokument RC8. Il-kumpanija qatt ma bidlet isimha". Dwar id-Dok. RC7 li hija ittra datata 14 ta' Ottubru 1991 taht letterhead ta' Seal International Ltd., xehed hekk: "Nghid illi tidher li l-kontenut ta' din l-ittra tirreferi ghall-merkanzija mertu tal-kawza odjerna, pero` ghaliex harget fuq letterhead ta' Seal International Ltd. ma nafx peress li jiena ma kontx nahdem mas-socjeta` dak iz-zmien … nghid li l-possibilta` tezisti li d-dokumenti kienu qed jigu wzati bi zball".

Charles Sciberras xehed ukoll illi "fil-perijodu li tlaqt jiena, Gunju jew Lulju 1991, kien hemm zewg kumpaniji Seal International Ltd. u PVC International Ltd, li t-tnejn kienu jezistu". U Dennis Satariano xehed li

kien hemm perijodu ta' "phasing out" tal-PVC meta Seal kienet giet ikkostitwita u illi kif jirrizulta mill-P3sipprezentati minnu, l-impjieg tieghu mal-PVC kien gie tterminat fl-10 ta' Gunju 1991 u fl-istess data kien gie impjegat mis-socjeta` Seal.

Mid-dokumenti prodotti u mix-xiehda li nghatat jidher li l-attur proprio et nomine dejjem wettaq in-negozjati tieghu mas-socjeta` PVC Plastics Ltd. li wara bidlet isimha ghal PVC International Ltd. Waqt li m'hemmx dubju li huwa garrab l-ispejjez minnu pretizi, seta' gie zgwidat mill-ittra ta' l-14 ta' Ottubru 1991 b'letterhead tas-Seal International Ltd. u l-fatt li l-"contact person" kien John Ogden li nzerta direttur taz-zewg kumpaniji. U dato non concesso li n-notament fuq l-ittra tal-21 ta' Ottubru 1991 (Dok. RC11) dwar il-kambjament ta' isem sar minn xi impjegat tas-socjeta` konvenuta jew tal-PVC, u li allura tali notament setghet tkompli tizgwidah, wiehed kien ragonevolment jistenna li qabel ma jinizja dawn il-proceduri kellu jaghmel ricerka mar-Registratur tal-Kumpaniji biex jivverifika jekk effettivament kienx hemm tibdil ta' isem.

Is-socjeta` konvenuta pproduciet provi soddisfacenti li juru li hija kienet socjeta` separata u distinta mis-socjeta` PVC International Ltd., u li l-obbligazzjoni tal-PVC biex tirrizarcixxi lill-attur ma kenitx assumietha s-socjeta` konvenuta. Konsegwentement it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur proprio et nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur